**Minuti**

**Seduta Nru. 14/2015**

Data: It-Tlieta 6 ta' Ottubru

Ħin: 6.00pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida

---

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Sur Matthew Mangion – *Chairperson*<br>Sur Owen Patrick Attard – *Membru*<br>Sur Jimmy Zahra – *Membru*<br>Sur Manuel Galea – Membru 18:40 hrs |
| | Sur Christopher Cutajar – *Aġent Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużata: | Sra Deborah Galea – Viċi Chairperson |

---

Il-laqgħa bdiet fis-18:20 permezz ta' talba miċ-Chairperson.

**1. Minuti**

315 Il-Kumitat approva l-minuti tas-seduta 13/2015 kif ippreżentati.

Is-Sur M Galea daħal fil-kamra fis-18:40.

**2. Punti mqajma mill-Minuti**

316 Il-Kumitat talab sabiex ikun hemm kjarifika dwar punti 40 u 42 bil-għan li jkunu kjarifikati minn fejn joriġinaw l-ammonti.

317 Il-Kumitat talab li jkun kjarifikat li Multiprint tħallas skont kif imniżżel f'minuti 285 u 299.

318 Minuta 300 li tirreferi għal minuta 283. Sabiex ikun ikkonfermat meta ser jinbdew ix-xogħolijiet.

319 B'referenza għal-laqgħa li ċ-Chairperson kien għamel flimkien mas-Sindku ta' Birkirkara, mas-Sur Anthony Ellul (Uffiċjal fil-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali) u s-Sra Antoinette Vassallo (Chairperson tal-Awtorita' tad-Djar) ġiet diskussa l-Art tas-Sisla. Iċ-Chairperson se jkun qed jagħmel kuntatt biex jara

kienx hemm żvilupp dwar pjanti riveduti għaż-żona in kwestjoni (Ara minuti numru 302 b'referenza għal 288).

320 Iċ-Chairperson qal li huwa ma ġiex notifikat dwar id-data tal-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u għaldaqstant ma setgħax ikun aġġornat dwar *traffic management* fis-Swatar (Ara minuti nnumerati 303 u 289).

321 Iċ-Chairperson qal li se jkun qed jaġġorna ruħu mill-MEPA dwar il-każ tal-kiosk li kellu jitneħħa mill-MEPA skont ir-regolamenti li jirregolaw l-i*street hawkers* (Ara minuti 304 u 290).

322 Iċ-Chairperson semma' li se jkompli jsegwi l-organizzazzjoni tal-attivitajiet għall-bqija tal-2015 u anke 2016 flimkien ma' Saint Martin's college (Ara wkoll minuta 308).

323 Fil-laqgħa li jmiss għandha tkun diskussa ħarġa oħra tan-Newsletter.

324 Il-laqgħa tal-lokalita' għandha tkun pjanata li ssir fit-tieni nofs ta' Jannar 2016. Għandha tibda ssir tħejjija sabiex jinġabru l-figuri tal-finanzi għas-sena 2015. L-Aġent Segretarju għandu jiċċekkja l-liġi xi tgħid dwar dan.

325 Iċ-Chairperson qal li għandu jerġa' jkun organizzat *football tournament* bl-għajnuna tas-Sra D Galea f'Diċembru 2015 (Ara minuta 310). Il-ħsieb huwa li t-*tournament* isir fit-8 ta' Diċembru, filgħodu.

## 3. Korrispondenza

Ma ġiet diskussa ebda korrispondenza.

## 4. Diskussjoni dwar materji pendenti

326 Intqal li tneħħew *skips* min-naħat ta' Triq P Borg Olivier u Triq il-Qattus. L-iskips ta' Triq il-Qattus reġgħu tpoġġew f'posthom.

## 5. Komunikazzjoni miċ-Chairperson

Ma saret ebda kominkazzjoni taħt dan il-punt.

## 6. Playing Fields

327 Iċ-Chairperson qal li mil-laqgħa li saret mal-Arkadia din is-soċjeta' wriet ruħha disposta li toffri għajnuna finanzjarja għaż-żamma tajba tal-*playing fields*. L-istess tip ta' laqgħa għandha ssir mal-kumpanija Maypole.

328 Iċ-Chairperson ġibed l-attenzjoni għal kwotazzjoni relatata ma' *bollards tal-concrete* (annessa u mmarkata bħala 'DOK A'). Is-Sur J Zahra qal li tajjeb li wieħed jesplora x'jista' jsir biex wieħed isebbaħ il-belvedere mingħajr ma juża l-konkos u billi jagħmel railing li jsebbaħ. Iċ-Chairperson se jesplora dan mal-Kunsillier tal-iMsida s-Sur Emanuel Brincat bil-għan li jinkisbu fondi għal dan il-għan.

329 Is-Sur J Zahra qal li wasal iż-żmien li l-Kumitat Amministrattiv ikun gwidat kif jista' jikseb fondi għal proġetti ikbar permezz ta' fondi Ewropej.

330 Iċ-Chairperson qal li tajjeb li ssir it-tiswija tal-*fence* skont il-kwotazzjoni (annessa u mmarkata bħala 'DOK A'), mill-fondi li l-KAS kellu mis-sena ta' qabel. Qal li għandha tinġieb ukoll kwotazzjoni għat-tapit.

331 Iċ-Chairperson talab li jkun ċċekkjat jekk is-CCTV hix topera sew u min għandu aċċess għall-filmati.

## 7. Pjan ta' attivitajiet għall-bqija tal-2015

332 Iċ-Chairperson qal li dawn l-attivitajiet ġja' ssemmew taħt l-item 'Punti Mqajma mill-Minuti'.

333 Is-Sur J Zahra qal li se jkun qed jagħmel kuntatt ma' persuna li tkun tista' tipprovdi *console* li jintuża fuq bażi kompettitiva fl-istess jum tal-Football Tournament.

**8. Aġġornament**

334 Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa 11 ta' Novembru fis-6pm.

Il-laqgħa ntemmet fit-19:50 hrs.

Matthew Mangion
*Chairperson*

Christopher Cutajar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

Data tal-approvazzjoni: 11 Novembru 2015

Contractor: Joseph Tabone
'Elakie', Notary Zarb Street, Attard

VAT No. MT 1616 - 5835
E-mail: lucienne.tabone@gmail.com

'DOK A'

**Quotation for Works at Msida - August 2015**

| ITEM | DESCRIPTION | QTY | UNIT | RATE (Excl. VAT) | AMOUNT (Excl. VAT) |
|---|---|---|---|---|---|
| **1.00** | **New Concrete Bollards in Triq Indri Grima** | | | | |
| 1.00 | New Concrete Bollards in Triq Indri Grima. Works generally include: | 40.00 | Nr. | € 400.00 | € 16,000.00 |
| i | Demolition, loading, carting away off the site and dispose in an approved dumping site of existing concrete bollards. | | | | |
| ii | Cleaning and making good of underneath existing concrete spreader beam (to be retained) and prepare for casting of concrete. | | | | |
| iii | Coring in existing concrete spreader beam and insert 4T25mm diameter bars as reinforcement to new concrete bollard. Rate includes SIKA material as bonding agent between steel reinforcement and existing concrete spreader beam. | | | | |
| iv | Supply and lay C30 concrete bollards. | | | | |
| v | Finishing off including painting in 2 coats of exterior paint of new bollards. | | | | |
| **2.00** | **New Fence with Football Pitch in Triq Mons. Arthuro Bonnici c/w Triq G. Calleja** | | | | |
| 2.00 | Installation of new fencing system around existing football pitch. Works include: | 1.00 | L.S. | € 7,400.00 | € 7,400.00 |
| i | Dismantle, loading, carting away off the site and dispose in an approved dumping site of existing fence, mesh and net. | | | | |
| ii | New Galvanized welded mesh. | | | | |
| iii | New Galvanized hollow section bars for supporting structure. | | | | |
| iv | Accessories | | | | |
| v | Works General | | | | |
| **TOTAL BILL (EXCLUDING VAT)** | | | | | **€ 23,400.00** |